**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 12 ta' Ottubru 2023**

**Rikors Nru. 770/2022 GM**

**Gaetano Abdilla u Pawlu Falzon ghan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' F & A. Quarries Limited**

**vs**

**Sebastian Dalli ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Mixer Limited ġja Planka Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors F & A. Quarries Lirnited (C13006) li permezz tiegħu wara li ppremettiet illi :

> Permezz ta' sentenza fl-ismijiet Gaetano Abdilla u Pawlu Falzon għan-non u in rappreżentanza tas-soċjeta' F & A. Quarries Lirnited vs Sebastian Dalli għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' Mixer Limited ġia Planka Limited (Ċitaż. Nru. 1073/95) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fil-31 ta' Ottubru 2002 u kkonfermata rnill-Qorti tal-Appell fl-4 ta' Novembru 2005 l-intimat ġie kkundanat iħallas lir-rikorrent is-somma ta' Lm12,991.30 (illum €30,261.62) bl-imgħax legali mill-11 t'Awwissu 1995 u l-ispejjeż tal-kawża.
>
> Kopja tas-sentenzi qed jiġu eżebiti bħala Dok A u B.

Għaldaqstant l-esponenti titlob li din Onorabbli Qorti għoġobha, bl-applikazzjoni tal-artiklu 258 tal-Kap 12 tawtorizzaha teżegwixxi t-titolu eżekuttiv hawn fuq imsemmi u dan taħt dawk il- provveidmenti li jidhrilha xierqa u opportun.

Rat ir-Risposta ta' Mixer Limited (C-9942) li permezz tagħha eċċepiet illi :

Minkejja dak li tgħid fir-rikors promotur is-soċjeta' rikorrenti trid iġġib prova li għad għandha kreditu fil-konfront ta' u l-quantum tal-istess;

Mingħajr preġudizzju għas-suespost, sabiex tintlaqa' t-talba mressqa mis-soċjeta' F & A Quarries Limited, l-istess soċjeta' trid ttisser lil dina l-Onorabbli Qorti x'impediha milli teżegwixxi l-allegat kreditu tagħha entro t-terminu ta' ħmistax-il sena għaliex il-liġi ma qegħdiex hemm biex tħares l-interessi ta' min għar-raġunijiet tiegħu għażel li ma jeżerċitax id-drittijiet tiegħu;

Mingħajr preġudizzju għas-suepsost il-pretenzjonijiet tas-soċjeta' rikorrenti huma frott l-għerq u fl-ebda każ ma għandhom jiġu nkollati lis-soċjeta' esponenti;

Ir-rikorrenti jrid iġib prova li s-soċjeta' intimata hija l-istess soċjeta' li kontriha kienet fi żmien tgawdi minnha xi titolu eżekuttiv;

Għal dak li għandu x'jaqsam mar-rikors għall-urġenza mressaq da parti tas-soċjeta' rikorrenti nhar is-17 ta' Ottubru 2022, ċertament li tali talba ma għandhiex tintlaqa' meta hawnhekk fl-aħħar ipotesi għandna soċjeta' li għal iktar minn 20 sena ma għamlet xejn biex teżegwixxi t-titolu eżekuttiv li tgħid li għandha. In oltre jiġi rilevat li s-subbasta msemmiha fl-istess rikors għadha qed tistenna l-eżitu ta' kontestazzjonijiet imressqa dwar il-valutazzjoni ta' proprjeta' mertu tal-istess subbasta u għalhekk ma huwiex prospettat li l-istess subbasta isseħħ f'Jannar 2023.

Rat l-atti tar-rikors.

Rat ir-risposta.

Semgħet il-provi.

Semgħet it-trattazzjoni bil-fomm tal-abbli avukati difensuri tal-partijiet kontendenti.

Ikkunsidrat:

Din hija proċedura  biex ir-rikorrenti tiġi awtorizzata tesegwixxi titlu esekuttiv skont id-disposizzjonijiet tal-Art. 258 tal-Kap. 12.

It-titlu esekuttiv huwa sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-4 ta' Novembru 2005 (Ċit. Nru. 1073/95) li permezz tagħha ġie kkanonizzat kreditu ta' Lm12,991.30 (€30.261.62) bl-imgħax mill-11.08.1995 u l-ispejjeż tal-kawża.

Fil-każ ta' sentenza, it-titlu eżekuttiv jibqa' ħaj għal 15-il sena.  F'dan il-każ għaddew 18-il sena mid-data tas-sentenza.

Art. 258 huwa espressament maħsub biex jirregola l-eżekuzzjoni ta' titli eżekuttivi li jkun għadda minn fuqhom ċertu żmien minn meta setgħu jkunu esegwiti. Dan huwa hekk għaliex kull titolu eżekuttiv għandu ħajja limitata u determinata sa meta tista' ssir l-eżekuzzjoni tiegħu. Wara li jgħaddi ż-żmien preskritt, tista' titħaddem il-proċedura msemmija fl-Art. 258.[1]

Fi proċedura ta' din ix-xorta r-rikorrent ma jkunx qed jitlob kanonizzazzjoni mill-ġdid tal-kreditu tiegħu iżda biss awtorizzazzjoni biex jesegwixxi titlu eżekuttiv ġja` kanonizzat.[2]

L-indaġni ta' din il-Qorti f'rikorsi ta' din ix-xorta hija limitata. Tista' biss tindaga u taċċerta ruħha dwar l-eżistenza tal-istess titlu eżekuttiv, u li l-ammont hekk kanonizzat jew parti minnu huwa dovut, u dan tramite l-konferma bil-ġurament tal-istess rikorrent.

Xejn iżjed ma huwa rikjest;  saħansitra hemm sentenza ta' din il-Qorti, diversament ippreseduta, li tgħid li lanqas hemm bżonn in-notifika lill-kontro-parti, u wisq inqas li l-istess rikors jiġi appuntat għas-smigħ.  Tant illi  huwa biss *ai termini* tal-Art. 259(4) f'każ ta' proċeduri mill-eredi, suċċessuri jew ċessjonarji tal-kredituri, li l-liġi tinħtieġ li l-istess rikors jiġi notifikat lid-debitur jew lill-eredi, ċessjonarji jew suċċessuri tiegħu.[3]

---

[1] HSBC p.l.c v. AL Investments Limited.

[2] F'dan is-sens hi d-deċizjoni fl-ismijiet John Portelli v. Henry Azzopardi Appell, 29,05.1997; George Pace v. Charles  Gauci 24.11.2004 P.A.[PS] .

[3] Joseph Perici Calascione v. Mario Fenech P.A. (RCP) 12.12.2000; HSBC Bank Malta plc v. John Dalli  P.A. (RCP) 18.04.2002; McBen's Ltd. v. Mario Grech P.A.; Bank of Valletta plc v. Mixer Ltd.  P.A. (LM) 14.10.2015.

Hekk ukoll huwa limitat it-tip ta' difiża li tista' ssir. Per eżempju ma tistax tintalab komputazzjoni mill-ġdid tal-bilanċ tal-kreditu dovut lir-rikorrent.[4] Lanqas li tingħata spjegazzjoni l-għala tħallew jgħaddu s-snin mingħajr ma saret l-ebda esekuzzjoni tat-titlu eżekuttiv, bħalma jippretendi l-intimat f'din il-proċedura.

Gaetano Abdilla, f'isem is-soċjeta` rikorrenti kkonferma bil-ġurament li ma tħallas xejn mill-ammont ikkanonizzat fis-sentenza.[5]

Għal dawn il-motivi li-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-każ billi bl-applikazzjoni tal-Art. 258 tal-Kap. 12, tawtorizza lis-soċjeta` F & A Quarries Limited sabiex tesegwixxi s-sentenza fl-ismijiet Gaetano Abdilla u Pawlu Falzon għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' F & A. Quarries Limited vs Sebastian Dalli għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' Mixer Limited ġja Planka Limited (Ċitazz. Nru. 1073/95 RCP).

Spejjeż a kariku tal-intimata.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA

[4] Joseph Muscat v. Rita Caligari 03.03.2016 P.A. (LSO).
[5] Fol. 39.